

# San Ġorġ Preca u l-Madonna tal-Karmnu

**Kitba ta' P. Anthony Cilia, O.Carm**

Nhar it-3 ta' Ġunju 2007, meta l-Papa Benedittu XVI iddikjara lil Dun Ġorġ Preca Qaddis, kull Malti ferħ. Ferħu dawk li xi darba jew oħra ltaqgħu miegħu, ferħu l-membri tal-MUSEUM u kulmin ħa l-formazzjoni nisranija tiegħu fis-Soċjetà mwaqqfa minnu, ferħu dawk kollha li f'sidirhom għandhom tħabbat qalb Karmelitana. U dan bir-raġun kollu: Dun Ġorġ ma kienx biss il-bniedem ta' Alla, imma wkoll il-bniedem li għex fostna, li rajnieh u li leħnu għadu jidwi fostna.

Dun Ġorġ kien wieħed minna. Bħalna trabba fl-imħabba u l-għożża tal-Verġni Marija tal-Karmelu. Twieled minn ġenituri eżemplari u devoti, f'dar ftit passi bogħod mis-Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt. Sa minn ċkunitu Ġorġ dejjem libes il-Labtu, imma meta kiber ried jingħata b'aktar dedikazzjoni lill-Madonna. Fl-1918 inkiteb Terzjarju Karmelitan. Is-sena ta' wara għamel il-professjoni u għażel l-isem ta' Franku, għall-beatu Karmelitan. Kien iħossu verament membru tal-Familja Karmelitana tant li ffirma xi wħud mill-kitbiet tiegħu bl-isem ta' Karmelitan. Fost l-oħrajn kiteb li darba, fil-ħolm, deherlu San Ġwann l-evanġelista u qallu: "Inti reliġjuż Karmelitan u għalhekk inti wieħed minn l-aħwa ta' Marija SS.ma dejjem verġni."

Id-devozzjoni li Dun Ġorġ kellu lejn il-Verġni Mbierka ma kienitx mibnija fuq is-sentimentaliżmu imma fuq tagħlim nisrani sod. B'qalbu mimlija mħabba lejn il-Madonna, Dun Ġorġ dar ma' Malta kollha jippriedka fuq il-Verġni Marija u jxerred id-devozzjoni lejn il-Labtu tal-Karmnu. Fl-appostolat tiegħu Dun Ġorġ spiss kien isemmi l-Labtu bħala sinjal ta' konsagrazzjoni ta' l-individwu lill-Verġni Marija u mezz li jqarreb il-bniedem lejn Alla. F'waħda mill-kitbiet tiegħu ta' l-1947, Dun Ġorġ jgħid hekk: "Wieħed irid jifhem tajjeb it-tifsir tal-kliem ta' Marija Santissma: il-Labtu huwa sinjal ta' fratellanza magħha. X'unur huwa dan li Omm Alla tistmak bħala wieħed mill-aħwa tagħha! B'liema ħeġġa wieħed għandu jilbes il-Labtu tal-Karmnu." Dun Ġorġ dejjem insista li min jilbes il-Labtu jrid ifittex li ma jabbużax mill-imħabba u l-ħarsien matern ta' Marija imma għandu jgħix fil-grazzja, f'għaqda m'Alla u mal-proxxmu. Għal Dun Ġorġ, aktar minn kull ħaġa oħra, il-Labtu tal-Karmnu kien ifisser libsa spiritwali, jiġifieri filli wieħed jimita u jilbes il-virtujiet ta' Marija. F'kitba oħra, "Il-qaddisin ikellmuna", meta jitkellem dwar il-viżjoni ta' San Xmun Stock, Dun Ġorġ jimmaġina lill-qaddis jgħidilna: "Ilbsu lil Marija, intom li tħobbu lil Marija."

Bħala nisrani, u aktar bħala Terzjarju Karmelitan, Dun Ġorġ fehem tajjeb li d-dmir tiegħu ma kienx jikkonsisti biss filli huwa waħdu jmita lill-Imqaddsa Verġni Marija, imma wkoll li jwassal l-imħabba tagħha ta' Omm lill-bnedmin kollha, l-aktar fir-rigal tal-Labtu tal-Karmnu. Għal dan il-għan ippriedka din id-devozzjoni bla serħan; permezz tal-Labtu daħħal mijiet ta' Maltin fil-Familja Karmelitana; obbliga lill-membri tas-Soċjetà tiegħu biex jilbsuh dejjem (Regula para. 640), ried li huma wkoll ikunu appostli tal-Labtu Mqaddes (Regula para. 453) u wkoll li t-tfal kollha tal-MUSEUM, wara l-Ewwel Tqarbina tagħhom,



ikunu miktubin fil-Labtu tal-Karmnu u mqgħedin taħt il-protezzjoni materna ta' dik li Alla l-Missier afdalha lill-Ibnu. Bħala rikonoxximent għas-sehem kbir tiegħu fit-tixrid ta' din id-devozzjoni, fl-1952 Dun Ġorġ kien affiljat mal-Ordni Karmelitan mill-Pirjol Ġeneral, patri Kilian Lynch.

Dun Ġorġ beda l-ħajja qaddisa tiegħu taħt il-ħarsien ta' Marija meqjuma fis-Santwarju tal-Karmnu tal-Belt. Il-providenza riedet li huwa jgħaddi l-aħħar ftit snin ta' ħajtu f'Santa Venera, fil-parroċċa afdata f'idejn il-Karmelitani. U hawn temm il-mixja tiegħu fuq gziritna mhux biss fil-kumpanija tal-Karmelitani imma wkoll fil-mument ta' mewtu kien assisitit minn "wieħed mill-aħwa ta' Marija"!

Dun Ġorġ kien iben dehen tal-Karmelu mhux għax kien Terzjarju Karmelitan jew għax kien jilbes il-Labtu, imma għax dak li kien jemmen u jippriedka għexu f'kull mument ta' ħajtu: fir-relazzjonijiet tiegħu m'Alla, mal-Madonna u ma' ħutu l-bnedmin. Dun Ġorġ huwa l-ewwel qaddis li nsibu fil-Kalendarju Karmelitan li jappartieni lit-Terz Ordni. Għalhekk aħna l-Karmelitani Maltin għandna għax tassew nifirħu issa li fil-Familja tagħna għandna qaddis hekk qrib, qaddis li mexa qabilna t-triq li aħna għandna quddiemna. Jalla aħna wkoll, imqanqlin mill-imħabba kbira li kellu lejn il-Verġni Marija, nimxu fuq il-passi tiegħu u naslu bħalu sal-quċċata tal-Karmelu.

